MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2014

Numru. 471/2013

**PULIZIJA**
**SPETTUR SAVIOUR BALDACCHINO**

**VS**

**PAMELA MC KAY**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Pamela Mc Kay, detentrici tal-Karta tal-Identita` numru 152780M.

**Akkuzata talli:**

Fis-sitta (6) ta` Jannar 2013, ghal habta tas-sitta u kwart ta` filghaxija (18:15hrs) gewwa Triq ix-Xatt, Gzira:

1. Saqet vettura bin-numru tar-registrazzjoni ABS201, u b'nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta` tharis tar-regolamenti tat-traffiku, tajjret lil Laure Charlotte Michelle Poumailloux u involontarjament ikkagunat offizi ta` natura gravi skont kif iccertifika Dr. Edward Cherubino, M.D. Reg. 3371 mill-M. D. H.

Il-Qorti giet gentilment mitluba mill-Prosekuzzjoni li l-imsemmija imputata tigi skwalifikata mil-licenzja kollha taghha tas-sewqan ghall-perjodu ta` zmien li l-Qorti jidrilha xieraq.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 225, 226 (1) (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Wara li rat il-Fedina Penali netta tal-imputat.

**Ikkunsidrat:**

Stante li jirrizulta li t-tort huwa literalment tal-midruba stante:

1. L-imputata kienet kwazi *stop*;

2. Il-midruba harget minn bejn zewg karozzi;

3. Kien id-dlam u l-midruba kienet liebsa skur.

Il-Qorti tillibera lill-imputata Pamela Mc Kay mill-akkuza dedotta kontra taghha mill-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------